2025/1133

4.6.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/1133

tas-26 ta' Mejju 2025

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ fir-rigward tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Iraq mal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 ([1]) fit-18 ta' Novembru 2016, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard. Il-Ftehim daħal fis-seħħ b'mod proviżorju fl-1 ta' Jannar 2017 f'konformità mal-Artikolu 31(2) tiegħu u ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 29 tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (il-"Kunsill tal-Membri") għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-adeżjoni ta' Gvern mal-Ftehim.

(3) Il-Gvern tar-Repubblika tal-Iraq applika formalment biex jaderixxi mal-Ftehim. Għaldaqstant, il-Kunsill tal-Membri se jiġi mistieden, matul sessjoni futura tiegħu, jew fi ħdan il-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Iraq, fir-rigward tal-ishma ta' parteċipazzjoni fil-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ u l-limitu ta' żmien għad-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni.

(4) Billi l-Iraq qed jiżviluppa s-setturi taż-żebbuġ tiegħu fir-rigward tal-konsum u beħsiebu jiżviluppa l-produzzjoni tiegħu, l-adeżjoni tiegħu f'ċerti kundizzjonijiet se ssaħħaħ l-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-kisba tal-uniformità fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u internazzjonali b'rabta mal-karatteristiċi tal-prodotti taż-żebbuġ għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe ostaklu għall-kummerċ.

(5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Membri, billi d-deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati se jkollhom effetti legali fuq l-Unjoni billi jħallu impatt fuq il-bilanċ deċiżjonali fi ħdan il-Kunsill tal-Membri meta d-deċiżjonijiet ma jiġux adottati b'kunsens f'konformità mal-Artikolu 10(4) tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ matul sessjoni futura tiegħu, jew fi ħdan il-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ permezz ta' skambju ta' korrispondenza, fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-adeżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Iraq mal-Ftehim, hija stabbilita fl-Anness.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1892 tal-10 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 293, 28.10.2016, p. 2, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1892/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/848 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015 (ĠU L 139, 27.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/848/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-addozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Mejju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

C. SIEKIERSKI

ANNESS

L-Unjoni għandha tappoġġa l-adeżjoni tal-Gvern tar-Repubblika tal-Iraq għall-Ftehim, f'sessjoni futura tal-Kunsill tal-Membri jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza, diment li l-ishma ta' parteċipazzjoni tal-Iraq jiġu kkalkulati skont il-formula speċifikata fl-Artikolu 11 tal-Ftehim u l-limitu ta' żmien għad-depożitu tal-istrument tal-adeżjoni ma jaqbiżx sena u nofs wara d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Membri. Jekk id-depożitu tal-istrument jiddewwem, l-Unjoni, f'deċiżjonijiet sussegwenti li għandhom jiġu adottati mill-Kunsill tal-Membri, tista' tappoġġa l-estensjoni tal-perjodu għad-depożitu tal-istrument.